MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta ta' l-4 ta' Jannar, 2008

Numru. 773/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri )**

**vs**

**Michael Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael Tabone ta’ 41 sena, bin Francis u Marthese nee’ Camilleri, imwieled Pieta’ fil-18.7.1959 u joqghod Agape, Plot 9, Triq il-Qadi, Zejtun. ID. card No. 471059(M) gie akkuzat:

Talli matul il-5 ta’ Frar, 1999 u ix-xhur ta’ qabel din id-data f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu u li jikksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula

b’rizoluzzjoni wahda, bhala d-detentur tal-fond Agape, Plot, 9 Triq il-Qadi, Zejtun, jew bhala l-persuna li kellha f’idejha l-istess fond, b’mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin u ammont ta’ aktar minn mitt liri maltin izda inqas minn elf liri maltin, u talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent tal-elettriku li jammonta ghall aktar minn mitt liri maltin izda inqas minn elf liri maltin u fl-ahhar talli fl-istess zmien ghamel hsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti giet mitluba, barra milli taghti l-piena stabilita’ mill-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjes ta’ l-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali li jinsab a fol. 4 tal-Process u nnutat li l-imputat m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius, fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tallum ix-xhud Alan Chetcuti ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta ddikjara illi l-Korporazzjoni Enemalta ma baqghalha l-ebda pendenza ma’ l-imputat Michael Tabone u illi ghaldaqstant l-istess Korporazzjoni qed tirrinunzja minghajr riserva ghal passi kriminali f’dan il-kaz, u dan kif jidher mid-dokument esebit illum mill-istess xhud Alan Chetcuti u markat bhala Dok. CA1, talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat Michael Tabone kif ukoll tastjeni milli taghti Provvediment fil-konfront tal-imputat sabiex ihallas ghall-ispejjes tal-esperti mahtura fl-Inkjesta a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti tilqa' it-talbiet tal-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuzi migjuba kontra l-imputat Michael Tabone u tastjeni milli taghti Provvediment fil-konfront tal-imputat sabiex ihallas ghall-ispejjes tal-esperti mahtura fl-Inkjesta a tenur ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------